TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 476/11/GZ

**Jacqueline Meilaq**

**vs**

**Edwin Petroni – J & E Service Line Ltd.**

Illum 5 ta' Settembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mija tmienja u tmenin Ewro (€388.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal magna tal-hasil, liema magna tal-hasil kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat magna tal-hasil minghand is-socjeta' ntimata fis-16 ta' Frar 2011. Il-magna kienet issigillata kif suppost u kienet tahdem tajjeb hafna. Pero', darba minnhom meta r-rikorrenti kienet qed timsahha bhas-soltu, hija hasset iz-zebgha mqabza u minfuha taht il-kexxun u hemm hija sabet is-sadid. Meta hija cemplet lis-socjeta' ntimata, l-istess socjeta' kienet qaltilha illi wisq probabbli hija kienet tefatilha hafna sapun. Meta mar it-tekniku, huwa qalilha li l-ilma kien qed jaqa' mill-kexxun ghal go fiha.

Ir-rikorrenti hassiet ruhha aggravata ghaliex hija dejjem hadet hsieb din il-magna tal-hasil, tant illi hija tixtieq li tinghata magna tal-hasil bhala u mhux illi tinghata l-flus lura.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Meta cemplet ir-rikorrenti biex tirrapporta l-magna tal-hasil, hija kienet irrifjutat li s-socjeta' ntimata tmur tara l-magna, pero' kienet qalet illi riedet magna tal-hasil gdida.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-ircevuta datata 16 ta' Frar 2011 mahruga minghand is-socjeta' ntimata lir-rikorrenti fl-ammont ta' tliet mija tmienja u tmenin Ewro (€388.00), li giet immarkata bhala Dok.JM1; kopja ta' l-invoice fl-ammont ta' tliet mija tmienja u tmenin Ewro (€388.00), li giet immarkata bhala Dok.JM2; u kopja tal-garanzija li giet immarkata bhala Dok.JM3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, billi stqarret illi meta r-rikorrenti kienet cemplet l-ewwel darba, is-socjeta' ntimata kienet qaltilha li l-garanzija qieghda hemm sabiex il-magna titranga. Ir-rikorrenti kienet baqghet tuzaha l-magna u l-hsara li gara kien minhabba f'hekk. Is-sadid baqa' johrog minhabba li baqghet tuzaha. Is-socjeta' ntimata hija lesta li tbiddel il-parts tal-magna tal-hasil, biss pero' mhux ghall-hsara li lahqet saret. Ir-rikorrenti baqghet ma accettatx din l-offerta, anke meta sar l-access biex is-socjeta' ntimata ssewwiha.

It-Tribunal innomina lil Vincent E. Ciliberti bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar l-ilment tar-rikorrenti.

It-Tribunal jinnota illi s-socjeta' ntimata, wara li stqarret li hija lesta illi tirrikonoxxi r-responsabbilita' ghal kwalunkwe difett, apparti minn xi difett li rrizulta stante l-fatt illi r-rikorrenti baqghet tuza l-magna tal-hasil wara li kienet indunat bid-difett in kwistjoni, hija offriet diversi drabi illi kienet lesta li tbiddel il-partijiet difettuzi tal-magna tal-hasil, u li jekk jirrizulta illi hemm xi hsara per se fl-imsemmija magna tal-hasil, hija kienet lesta illi tehodha lura u tforni lir-rikorrenti b'magna tal-hasil gdida. Illi nonostante din l-offerta', ir-rikorrenti baqghet tirrifjuta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tar-relazzjoni ta' l-espert tekniku, Vincent E. Ciliberti, jikkonkludi illi ma jistax jinghad li s-socjeta' ntimata naqqset mill-obbligi taghha, stante li hija dejjem hadet konjizzjoni ta' kull rapport li sar min-naha tar-rikorrenti, u allavolja t-terminu ta' sentejn kien ghadu ma skadiex u ghalhekk il-garanzija kienet ghadha fis-sehh, l-imsemmija garanzija ma kenitx tkopri: *"The body parts made of plastic, glass, ceramic and enamel...or other parts owing replacement due to normal wear and*

*tear.*", u dana in vista wkoll ta' l-osservazzjonijiet ta' l-espert tekniku fejn huwa rrelata: *"Illi l-esponenti lanqas ma jista jiskarta l-fatt illi l-ilment rikorrenti ma hux dwar xi hsara fl-operat tal-washing machine, anzi, r-rikorrenti, kif jirrizulta mit-talba taghha, hija ferm kuntenta bil-prodott, u mhux talli mhux titlob flus lura, anzi trid washing machine bhala.*". It-Tribunal jinnota illi madanakollu s-socjeta' ntimata kienet offriet illi tbiddel il-partijiet difettuzi tal-magna tal-hasil, u li jekk jirrizulta illi hemm xi hsara per se fl-imsemmija magna tal-hasil, hija kienet lesta illi tehodha lura u tforni lir-rikorrenti b'magna tal-hasil gdida, ghalkemm tali offerta saret minghajr pregudizzju, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal din l-offerta u tordna lis-socjeta' tbiddel il-partijiet difettuzi tal-magna tal-hasil, u jekk jirrizulta illi hemm xi hsara per se fl-imsemmija magna tal-hasil, tehodha lura u tforni lir-rikorrenti b'magna tal-hasil gdida, b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**